# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 28**

**Rikors numru 89/2007 PC**

**Carmel u martu Consiglia Scerri u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2010, saret trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem martu Consiglia sive Connie Xerri, minflok Carmel Scerri li miet fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Carmel Vella**

1. L-attriċi appellat mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fl-1 ta' Ottubru 2015;

2. Il-proċeduri fil-prim' istanza żvolġew kif ġej:

2.1. Permezz ta' rikors maħluf preżentat fl-4 ta' Settembru 2007, l-atturi ppremettew illi fit-28 ta' April 2007, l-attur Carmel

Scerri[1] kien aggredit mill-konvenut[2] li taħ daqqa jew daqqiet ta' *crowbar* ġo rasu u konsegwentement ikkawżalu feriti gravi f'rasu, inkluż *brain haemorrage*, u debilita` permanenti. Jallegaw li għalhekk qegħdin isofru danni li għalihom hu responsabbli l-konvenut li għaldaqstant għandu jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni *da liquidarsi*. Talbu għalhekk lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali: (i) tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni kollha, sia dawk emerġenti kif ukoll telf ta' qligħ, illi ġew u għad jiġu sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-feriti gravi minnu kkaġunati fl-inċident tat-28 ta' April 2007; (ii) tillikwida d-danni, kemm id-*damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*; u (iii) tikkundanna l-konvenut iħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati, bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet bin-numru 47/2007;

2.2. Permezz ta' risposta ġuramentata ppreżentata fil-31 ta' Ottubru 2007, il-konvenut wieġeb illi:

> *"1. Illi l-ewwel talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-attur in kwantu l-inċident hemm imsemmi seħħ unikament bħala konsegwenza ta' l-aġir ta' l-istess attur illi mingħajr assolutament ebda provokazzjoni qaba u ħebb għall-esponenti u aggredih fiżikament b'mod vjolenti;*
>
> *"2. Illi l-esponenti irreagixxa biss u unikament bil-mod kif seta' biex jiddefendi ruħhu minn tali aggressjoni hekk mhux*

[1] Skont iċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu maħruġ mir-Reġistru Pubbliku li jinsab a fol. 94, kunjom l-atturi jinkiteb Xerri

[2] Li żbaljatament jirreferi għalih bħala Victor Vella

*proviokata, u laġir kollu ta' l-esponenti fl-ewwel lok kien intiż strettament bħala leġittima difeża li n-neċessita' tagħha kienet għal kollox dettata miċ-ċirkostanzi mmedjati u subitanei li ġie rinfaċċjat bihom l-esponenti ħtija ta' l-aġir ta' l-attur innifsu u fit-tieni lok dan l-aġir ma kienx tali kif imsemmi mill-attur fir-rikors de quo;*

*"3. Illi jsegwi għalhekk illi ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati filkonfront ta' l-esponenti, in kwantu kull dannu soffert mill-attur kien konsegwenza ta' l-aġir tiegħu kif fuq premess;*

*"4. Illi jsegwi ulterjorment illi l-esponenti ma għandux jiġi kundannat li jħallas ebda tali danni talvolta likwidati kif mitlub mill-attur;*

*"5. Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur ma sofra ebda tip ta' dannu u/jew debilita' ta' natura permanenti u li għalhekk ma huwa dovut ebda ħlas u/jew riżarċiment.*

*"Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

2.3. B'sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi;

3. B'rikors preżentat fil-21 ta' Ottubru 2015, l-attriċi appellat minn din is-sentenza inkwantu aggravata li:

i. l-ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin u skorrett tal-provi;

ii. mingħajr preġudizzju, ukoll jekk għall-grazzja tal-argument kellu jingħad li l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-

ewwel Qorti kien korrett, il-konklużjonijiet legali li l-ewwel Qorti ġibdet mill-fatti huma legalment insostenibbli peress li l-konvenut xorta kellu jinżamm responsabbli, almenu in parti jekk mhux totalment, għall-konsegwenzi li sofra l-attur per konsegwenza tal-feriti li l-konvenut ikkaġuna fuq il-persuna tiegħu.

L-appellanti rrilevat ukoll, mingħajr ma qajjmet in-nullita` tas-sentenza appellata, li l-okkju tal-istess ma huwiex korrett stante li ma hemm l-ebda referenza għall-fatt li fil-mori tal-kawża miet l-attur Carmel Xerri u fuq rikors appożitu tagħha, l-ewwel Qorti kienet, fit-3 ta' Marzu 2010, ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju minn fuq ismu għal fuq isimha. F'dan ir-rigward illimitat ruħha titlob lil din il-Qorti tordna l-annotamenti neċessarji fl-okkju tal-kawża;

4. Il-konvenut wieġeb li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma b'dan illi l-aggravji tal-appellanti għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha;

**Ikkunsidrat**

5. Fl-ewwel lok għandha tiġi meqjusa l-kwistjoni proċedurali sollevata mill-appellanti rigwardanti l-okkju tal-kawża in kwantu ma

jirriflettix t-trasfużjoni tal-ġudizzju, hekk kif awtorizzata mill-ewwel Qorti fit-3 ta' Marzu 2010, minn isem żewġha l-attur għal isimha.

6. Dwar dan, il-konvenut appellat ma jsibx oġġezzjoni. Anzi, jiddikjara li huwa jaqbel li din il-Qorti għandha tordna l-annotamenti neċessarji fl-okkju sabiex ikun hemm referenza għat-trasfużjoni li saret minn fuq isem Carmel Scerri għal fuq isem martu.

7. Mill-atti effettivament jirriżulta li fit-3 ta' Marzu 2010,[3] il-Qorti tal-Prim' Istanza laqgħet it-talba tal-attriċi Consiglia sive Connie Xerri tal-1 ta' Marzu 2010[4] sabiex tiġi ordnata t-trasfużjoni tal-ġudizzju minn fuq isem Carmel Xerri, li miet fil-mori tal-kawża, għal fuq isimha. Madanakollu, l-okkju tal-kawża fis-sentenza hawn appellata ma jirriflettix l-imsemmija trasfużjoni.

8. B'applikazzjoni tal-Artikolu 175(2) tal-Kap. 12 il-Qorti tordna li fl-okkju tas-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015 wara isem l-attur jiżdied il-kliem '*u b'digriet tat-3 ta' Marzu, 2010, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem martu Consiglia sive Connie Xerri, minflok Carmel Scerri li miet fil-mori tal-kawża'*.

<u>L-Ewwel Aggravju</u>

[3] Fol. 100.
[4] Fol. 93.

9. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin u skorrett tal-provi. Issostni li l-ewwel Qorti injorat għall-kollox il-provi li ressaq l-attur billi qieset li l-verżjoni tal-konvenut ġiet korraborata mix-xhieda ta' Raymond Vella li ġie meqjus xhud imparzjali. Tinsisti li '*ma jistax ikun'* illi kien l-attur li mar jistenna l-konvenut fi Triq il-Mitħna u jisfidah għall-ġlied u dan, għaliex:- (i) l-attur kellu 61 sena filwaqt li l-konvenut kellu 55 sena meta ġara l-inċident u filwaqt li dak tal-ewwel bilkemm kien jiflaħ jimxi, l-konvenut kien għadu jaħdem fil-kostruzzjoni; (ii) kieku l-attur mar bil-ħsieb li jaggredixxi lill-konvenut kien imur armat mhux idu f'idu tant li '*l-iskorra illi konvenut jallega li l-attur qabad ixejjirha fid-direzzjoni tiegħu ġabha minn fuq it-trakk tal-konvenut'*; u (iii) wara li l-attur intlaqat, storda u żgur illi ma kienx kapaċi illi jiġġieled lura. Tkompli billi tattakka x-xhieda ta' Raymond Vella li ġie prodott wara l-mewt tal-attur u tinsisti li *'baqa misteru kif il-konvenut sar jaf bl-eżistenza ta' dan ix-xhud'* u mill-atti joħorġu verżjonijiet konfliġġjenti. Tallega ukoll li mill-provi rriżulta li filwaqt li dan ix-xhud kien imxellef mal-attur, il-konvenut kien ta' spiss jixtri materjal u konkos mingħandu. Tgħid li l-attur m'għamilx rapport lill-pulizija għaliex wara l-inċident kien immedjatament rikoverat l-Isptar.

10. Il-konvenut wieġeb li hu biss f'każ li tkun ser issir inġustizzja manifesta li l-Qorti tal-Appell tista' tinvestiga dwar id-diskrezzjoni

eżerċitata mill-Qorti tal-ewwel grad, liema estrem ma jirriżultax fil-każ *de quo*. Żied li l-aggravju tal-appellanti ma huwa xejn għajr konġettura ta' kif seħħ l-inċident. Dwar il-kritika tax-xhieda mogħtija minn Raymond Vella wieġeb illi fil-prim' istanza ma saru l-ebda riżervi jew oġġezzjonijiet fir-rigward ta' dan ix-xhud.

11. Fl-ewwel lok il-Qorti tirreferi għas-sentenza minnha mogħtija fl-ismijiet ***Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dott. Joseph Muscat et*** deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018 fejn ġie ppuntwalizzat li:

> *"Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."*

12. Stabbilit dan, irid l-ewwel jiġi ikkunsidrat x'wassal lill-Qorti tal-prim' istanza għad-deċiżjoni appellata. Il-konsiderazzjonijiet tagħha kienu dawn:

> *"Illi din hija azzjoni ex delicto in segwitu għal ġlieda li nqalgħet bejn l-attur u l-konvenut, fejn l-atturi rreklamaw mingħand il-konvenut id-danni minħabba allegata debilita' permanenti kkaġunata fuq il-persuna tal-attur per konsegwenza ta' din il-ġlieda.*
>
> *"Mhux kontestat li kien tassew il-konvenut li ta daqqa ta' crowbar fuq ras l-attur. Imma l-konvenut jiċħad ir-responsabilita' għal dan linċident*

*u jallega li dak li ġara kien kollu tort tal-aggressjoni tal-attur innifsu. Jiċħad ukoll li l-attur sofra xi debilita' permanenti b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.*

*"Il-konvenut isostni li ma kienx hu li pprovoka l-ġlieda u dak li għamel kien biss biex jirrespinġi l-aggressjoni tal-attur. Ġie mfisser f'dan irrigward fid-dottrina illi: "Il requisito della necessita' si risolve in quello della inevitabilita' del male minacciato … Se al male che ci si minaccia potevamo sottrarci altrimenti che col violare la legge, la violazione deve rimanere imputabile perche' l'arbitrio dell'agente non era piu' ristretto fra la scelta di due mali ugualmente gravi; e la legge dell'ordine poteva essere osservata poiche' egli elegesse il mezzo innocente col quale avrebbe evitato e il danno proprio e l'altrui. Ond'e' che per lo stesso autore il male deve essere assoluto, presente ed improvviso."*

*"Hekk ukoll intqal mill-qrati tagħna illi: "Fost l-elementi li huma meħtieġa biex tiġi akkordata l-iskriminanti tal-leġittima difiża hemm il-fattur tal-inevitabbilita', u mingħajr il-konkors ta' dan il-fattur ma tistax tingħata dik l-iskużanti."*

*"Kif ġie ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali, "...l-ġustifikazzjoni talleġittima difiża timplika li:*

*"1. id-deni li jiġi repellit mill-aġenti jkun inġust fil-kawża tiegħu u l-attakk ta' l-assaltatur ikun inġust u illeġittimu, u għalhekk dan irid jiġi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soġġettiva li jirċievi l-vjolentat eppure min bl-imġieba u kontenju tiegħu, ikun kawża mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita' piena u sħiħa;*

*"2. id-deni jrid ikun attwali u preżenti fil-waqt tar-reazzjoni, u fl-aħħarnett li*

*"3. id-deni jkun inevitabbli l-għaliex bla ma jkun hemm in-neċessita' tad-difiża r-reazzjoni ta' min iġib 'il quddiem il-'feci sed jure feci' ma jistax jgħid li jkun ipprova l-legittimita' ta' l-att per se antiġuridika tiegħu. Jingħad imbagħad li huwa aċċertat fid-Dottrina li d-deni minaċċjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naħa l-oħra) il-fatt tar-reazzjoni estrinsikata biex l-istess deni jiġi evitat irid ikun hemm proporzjonalita'."*

*"L-attur (li miet fil-mori tal-kawża) u l-konvenut huma mħaltin biż-żwieġ, billi dan tal-aħħar huwa miżżewweġ lill-oħt l-attur. L-attur kien miksur minn mal-familja tiegħu għax missieru ħalla l-użufutt durante vita tad-dar tiegħu lill-martu u lill-uliedu xebbiet li kienu joqgħodu miegħu, u għalhekk ma setax igawdi sehmu mill-wirt tiegħu. L-inċident mertu tal-kawża seħħ hekk kif l-konvenut kien għadu kemm ħareġ mid-dar ta' omm il-mara tiegħu fi Triq il-Mitħna, x-Xewkija. F'dan l-inċident l-attur qala' daqqa ta' crow bar fuq moħħu mill-konvenut, bil-konsegwenza li kellu bżonn li jsirulu xi punti u agħar minn hekk sofra ksur fl-iskutella ta' rasu b'tali mod li ntmess xi ftit moħħu wkoll. Kien il-konvenut stess li*

*mar jagħmel rapport dwar dan l-inċident l-Għassa tar-Rabat ftit wara li seħħ.*

*"Mill-okkorrenza relattiva tas-surġent Joseph Mizzi jirriżulta li l-konvenut fissirlu x'kien ġara madwar nofs siegħa qabel bil-mod segwenti:*

> *"Waqt li kont ħiereġ mingħand ħtinti Maria Xerri ta' 9, Triq il-Mitħna, Xewkija, Għawdex, hekk kif ħriġt barra fit-triq rajt lil Carmelo Xerri faċċata jistenna. Kif ħriġt qalli 'inti għadek ma xbajtx timlihom għalija?' Wara qasam it-triq għan-naħa tiegħi u rrepeta l-istess diskors. Jiena min-naħa tiegħi innegajt li kont għidt xi kliem bħal dan. Wara għidtlu ukoll li jiena kelli dahri juġgħani. Dak il-ħin Carmelo Xerri qabad l-iskorra minn fuq il-pick up tiegħi, xejjirieli, iżda ma laqatnix. Dak il-ħin jiena qbadt lever (crow bar) li kienet fil-kaxxa tal-pick up ukoll, xejjirta fid-direzzjoni tiegħu u lqattu f'nofs moħħu. Huwa xorta ħarab jiġri warajja bl-iskora u qalli 'issa noqtlok' u fajjarli l-iskorra fid-direzzjoni tiegħi, iżda ma laqatnix għax kont il bogħod. Wara huwa telaq."*

*"Fl-istess okkorrenza s-surġent jispjega li għall-mistoqsija tiegħu jekk hux veru li Carmelo Xerri kien qabad l-iskorra l-ewwel jew kienx il-konvenut li qabad il-lieva l-ewwel, Vella wieġeb: "Hu xejjer l-iskorra l-ewwel wara li kien ħadha minn fuq il-pick up tiegħi." Għall-mistoqsija għaliex l-iskorra kienet mgħawġa, il-konvenut wieġeb "Dik tgħawġet meta Carmelo Xerri tefagħha fid-direzzjoni tiegħi."*

*"L-attur li sadanittant kien ġie rikoverat l-isptar, spjega lis-surġent li:*

*"Bejn 6.45pm. u 7.00p.m., waqt li kont għaddej minn Triq il-Mitħna fixXewkija, u mingħajr ma kellimtu huwa qabad il-crow bar mill-pick up u tani*
*daqqa biha." Madankollu mal-istess surġent ċaħad li:*

1. *kien qed jistenna l-konvenut barra t-triq;*
2. *li qal lil Carmel Vella l-kliem: "Int għadek ma xbajtx timlihom għaliha";*
3. *li qabad l-iskorra għalih;*
4. *li qabad l-iskorra jew xi oġġett ieħor biex jiddefendi ruħu;*
5. *li qal lil Vella xi kliem fis-sens li ser joqtlu;*
6. *li fajjar l-iskorra jew xi oġġett ieħor fid-direzzjoni ta' Carmel Vella; jew li*
7. *meta qala' d-daqqa mar jiġri warajh.*

*"Żied pero' li qabel ma taħ id-daqqa bil-crow bar, Vella qallu li kieku ma kellux daharu juġgħu kien jieklu. Żvela wkoll li madwar ħames snin qabel Vella kien insulentah.*

*"Fl-affidavit tiegħu fl-atti ta' din il-kawża l-attur kien xi ftit iżjed speċifiku u ddeskriva l-inċident in kwistjoni hekk:*

*"...nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Apil 2007 jiena kont miexi għall-affari tiegħi fi Triq il-Mitħna, Xewkija, Għawdex. Niftakar li kien is-Sibt filgħaxija u wara li smajt quddiesa fil-Knisja tax-Xewkija kont iddeċidejt li inmur passiġġata sat-traffic lights u lura. Inzerta li kif qrobt ħdejn il-light, ħareġ mill-isqaq fejn toqgħod ommi, Carmel Vella, ir-raġel ta' oħti Frida. Huwa mar fejn it-truck tiegħu li kellu ipparkjat fil-qrib, truck li kien mimli ħadid.*

*"Kif rani Vella beda jinsulentani u jgħajjarni. Beda jgħidli wkoll diskors li kien se jqattagħni. Jiena ma kellimtux u bqajt miexi għall-affari tiegħi. Ngħid li din ma kinitx l-ewwel darba li Carmel Vella kien insulentani Kien ilu żmien jindirizza insulti u theddid fil-konfront tiegħi kull darba li jarani minħabba xi problemi rigward il-wirt ta' missieri.*

*"Naf li f'ħin minnhom ħassejt daqqa fuq wara ta' rasi. Mad-daqqa dort u nara lil Vella b'biċċa ħadida f'idu. F'dan il-ħin wkoll bdejt inħossni stordut u ħassejt wkoll id-demm ħiereġ minn rasi. Ħin bla waqt sibt ruħi l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex..."*

*"Fl-atti tal-kumpilazzjoni dwar l-istess inċident l-attur xehed illi:*

*"...Dakinhar tal-inċident jiena kont qiegħed nimxi bil-pass sejjer mixja, kont ninsab ħdejn il-mitħna li tinsab ħdejn ir-roundabout tax-Xewkija. L-imputat jiena rajtu ħiereġ mid-dar ta' ommi, kien qiegħed ħdejn it-trakk tiegħu. Ngħid illi l-imputat ġie fuqi u tani daqqa ta' ħadida, tahieli fuq l-iskutella ta' rasi u faqgħali l-għadma ta' rasi. Jiena naħseb illi din il-ħadida ġabha minn ġo ttrakk tiegħu għax jiena rajt li t-trakk kien mimli ħadid. Jiena lil imputat fl-ebda ħin ma kellimtu, ngħid illi huwa ħebb għalija u ġie għalija bil-ħadida..."*

*"Minn naħa tiegħu l-konvenut fl-affidavit tiegħu f'din il-kawża ta' s-segwenti verżjoni tal-inċident de quo:*

*"... Mort waħdi għand omm il-mara, Maria Xerri ... X'ħin tlaqt minn għandhom ħriġt bħas-soltu għal ġo l-isqaq ... u bla ħsieb ta' xejn imxejt lejn it-trakk tiegħi li kien ipparkjat ma' ġenb l-isqaq wiċċu 'l fuq iħares lejn il-Knisja. Kif qrobt lejn it-trakk ilmaħt faċċata n-naħa l-oħra tat-triq lil hu l-mara Karmenu Xerri, l-attur odjern, jinqala' minn mal-ħajt fejn deher li qisu kien qiegħed jistennieni, u waqt li beda riesaq lejja b'pass mgħaġġel, beda jgħajjat bir-ragħwa f'ħalqu: 'int għadek ma xbajtx timlihom kontrija!' Jien dak il-ħin inħsadt u bdejt niddubita kontx qed nifhmu sew pero' hu tenna l-istess akkużi aktar minn darba u fl-istess*

*ħin beda jinsulentani u jkellimni ħażin u jheddidni li ser joqtolni. 'Noqtlok jekk ser tibqa' timlihom kontrija' qalli aktar minn darba. Hu u jgħajjat u jinsulentani qasam it-triq u ġie ħdejn il-kaxxa tat-trakk tiegħi. Jiena, kif irkuprajt ftit mill-qatgħa, bdejt nipprova nieħdu bilkelma t-tajba u nġiegħlu jirraġuna biex nikkalmah. 'Jien fejn qed nimlihom kontrik?' Saqsejtu. 'Ejja mmorru nistaqsu lilom!' għidtlu.*

*"Sadattant ... hu kien laħaq wasal ħdejn it-trakk tiegħi, kważi fl-istess post fejn kont qiegħed jien mal-ġenb tal-kaxxa. F'daqqa waħda medd idu u ħataf waħda mill-għodod li kelli fit-trakk. Din kienet skwerra li aktar kmieni ħatni George Spiteri kien poġġa fit-trakk flimkien ma' għodod oħra... Rajt lil Carmel Xerri jgħolli dina l-iskwerra 'l fuq u jxejjirha bis-saħħa fid-direzzjoni tiegħi. Irnexxili niżgiċċa d-daqqa billi ntfajt fuq il-kaxxa tat-trakk. Fil-pront ħkimt b'idi x-xellugija l-ewwel oġġett li ġie f'idi, li nzerta kien crowbar, u xejjirtu fid-direzzjoni tiegħu biex niddefendi ruħi kif nista'. Nispjega li xejjirt daqqa waħda biss u lqattu fuq moħħu.*

*"Irrid nispjega li dak il-ħin wiċċi kien iħares lejn il-Knisja tax-Xewkija u Carmel Xerri kien dahru lejn l-istess Knisja. Xerri baqa' ixejjer bl-iskwera f'idejh jistedinni għall-ġlied imma jiena bdejt riesaq lura u ċioe' fid-direzzjoni tal-mitħna u dana sabiex nevitah... .*

*"... jiena żgur ma kelli l-ebda ntenzjoni li nweggħu, anzi l-ħin kollu kont qiegħed nikkalmah bil-kliem u nimxi lura u huwa xorta anke wara li jiena lqattu baqa' kontinwament jersaq lejja u jgħidli 'Ersaq ha ntihielek' waqt li jiena l-ħin kollu bqajt riesaq lura. Jien u miexi lura jiena żammejt il-crowbar b'idejja t-tnejn quddiemi biex inkompli nilqa' għal daqqiet oħrajn li Xerri seta' jkompli jfajjar fid-direzzjoni tiegħi ... Jien bqajt miexi bl-lura fid-direzzjoni tal-mitħna, jiġifieri lejn it-traffic lights, hu reġa' għamel erba' passi ħfief lejja bl-iskwerra f'idejh ...*

*"F'daqqa waħda waddabli l-iskwerra bis-saħħa imma ma laqatnix, dar u ...telaq il fuq fid-direzzjoni ta' Triq il-Hamija. Jien ġbart l-iskwerra mill-art, poġġejtha fit-trakk u soqt bil-mod lejn l-għassa tal-Pulizija tar-Rabat biex nagħmel rapport. Qabel tlaqt innutajt li l-istess skwerra u parti mill-genb tat-trakk kienu mċappsin bid-demm ..."*

*"Huwa evidenti li hawnhekk għandna mill-protagonisti f'din l-istorja żewġ verżjonijiet kompletament differenti ta' kif ġraw l-affarijiet, b'kull parti takkuża lill-oħra li kienet hi l-aggressur. F'ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti għandha tiġi ggwidata mis-segwenti prinċipji:*

*"1. li tagħraf tirrikava korroborazzjoni li tista' tikkonforta t-teżi ta' naħa waħda jew oħra fost il-kontendenti. Dan bl-adoperu tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u tal-verosimiljanza, in kwantu dawn huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (kollez. Vol.L p.II p.440);*

*"2. li tara jekk huwiex il-każ li tapplika xi waħda minn dawn il-massimi: 'actore non probate reus absolvitur' jew 'reus in excipiendo fit actor'; u*

*"3. fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriteju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l- ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja."*

*"Ta' siwi fl-ezżmi li trid tagħmel il-Qorti f'dan ir-rigward, kienet iddeposizzjoni li ta Raymond Vella sew fil-ġuri li sar kontra l-konvenut, kif ukoll f'din il-kawża, għalkemm dan ix-xhud ra biss l-aħħar parti tal-inċident. Fil-ġuri xehed hekk:*

*"...Kif ksirt ma' l-kantuniera rajt raġel b'wiċċu bid-demm ma wiċċu, jiena għal ewwel ħsibtu xi aċċident b'mutur jew hekk, u kien kważi f'nofs it-triq għax kien hemm van ipparkjat u kien xi metru 'l barra mill-van ipparkjat ... Kien Karmnu Xerri ... Jien għal ewwel ħsibt li kellu xi aċċident bil-mutur kif rajtu wiċċu kollu demm, għax lil Karmnu Vella ma rajtux, u mbagħad sadanittant jiena naqqast il-karozza għax bejn il-van u bejn kien hemm hu xi metru 'l barra naqqast l-ispeed ta' l-karozza biex ngħaddi 'l barra biex nikser għax-Xewkija. U mbagħad nnotajt biċċa ħadida hekk ... Kienet skwerra għax naf li kienet skwerra għax naħdmu bihom aħna. U l-karozza ma għamlet stop imkien għax jien bqajt hekk bil-mod, kont mifxul x'ħin rajtu hekk, u bdejt insuq bil-mod. U rajtu jarmi skwerra hekk u qallu 'jekk tersaq intihielek, u sadanittant dawwart wiċċi hekk u nara lil Karmnu Vella miexi aktar iħares lura milli jara fejn hu miexi... Lil Karmnu Vella smajtu jgħidlu 'ma għandekx xi tridni'... Dik l-aħħar kelma li smajt jien."*

*"Fuq domanda tad-difiża biex jirrepeti, ix-xhud reġa' spjega li: "Karmnu Xerri lil Karmnu Vella smajtu jgħidlu 'ersaq ha ntihielek'. U b'hekk indunajt li hemm Karmnu, sa hemmhekk ma kontx naf li kellu xi jgħid ma' Karmnu, imbagħad inħsadt u dort u nara lil Karmnu Vella miexi aktar iħares lura milli jara fejn huma saqajh...*

*"Quddiem din il-Qorti Raymond Vella reġa' tenna l-istess verżjoni li kien ta fil-ġuri, ħlief li bħal ma kien spjega lid-difiża fil-ġuri, huwa sostna li sema' lill-attur jgħid lill-konvenut "ersaq ha ntijielek."*

*"Indipendentement mill-kliem eżatt li l-attur seta' lissen fil-konfront tal-konvenut wara li qala' d-daqqa fuq rasu, jirriżulta minn din ix-xhieda disinteressata, li dan baqa' jsegwi lill-konvenut, bl-iskorra f'idu sa ma fl-aħħar qabad u tefagħha lejn il-konvenut mingħajr ma laqtu. Li l-attur kellu din l-iskorra f'idu jirriżulta wkoll mid-demm li nstab fuqha, kif indika l-konvenut, u kif ikkonferma s-surġent Mizzi. Il-fatt li din l-iskorra nstabet ukoll mgħawġa jikkonferma dak li qal il-konvenut u kkorobarat minn Raymond Vella, li l-attur spiċċa tefagħha għall-konvenut. Huwa sinjifikanti kif l-attur fl-ebda mument ma ammetta li kellu din l-iskorra f'idu, u wisq inqas li spiċċa biex tefagħha lejn ilkonvenut. Evidentement l-attur ma riedx jammetti dan id-dettal biex jidher li hu kien sempliċement il-vittma. It-tiċpis tad-demm li nstab mal-kaxxa tat-truck tal-konvenut, huwa ndikattiv li l-attur kien qrib ħafna tat-truck x'ħin laqqat id-daqqa tal-crowbar. Id-demm tiegħu biss seta' kien għax il-*

*konvenut ma ġarrab ebda ferita. Madankollu l-attur ma jagħti ebda spjegazzjoni għalfejn qasam it-triq u avviċina lillkonvenut. L-attur jgħid ukoll li d-daqqa qalagħha minn wara, mentri l-istess ritratti minnu esebiti juru li l-ferita kienet fuq moħħu (forehead).'*

13. Magħmula dawk il-konsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti ikkonkludiet:

*"Dawn il-fatturi kollha jwasslu lil din l-Qorti biex tikkonviċi ruħha li l-verżjoni tal-konvenut hija iżjed kredibbli minn dik tal-attur. Kien tassew l-attur l-aggressur li fir-rabja li kellu għall-konvenut resaq lejh, ħataf l-iskorra minn fuq it-truck u beda jxerriha fid-direzzjoni talkonvenut. Dan, biex jiddefendi ruħu mill-aħjar li seta', qabad l-ewwel oġġett li ġie għal idejh minn fuq it-truck tiegħu u xejru lejn l-attur, b'tali mod li laqtu fuq rasu. Wiehed jinnota wkoll li d-daqqa ma setgħax tahielu wisq bis-saħħa, għax kieku l-ħsara kienet tkun ferm iżjed gravi, tenut kont it-tip ta' oġġett li kellu f'idu. Minn naħa l-oħra xejn ma huma validi l-argumenti li ġġib l-attriċi fin-Nota tal-osservazzjonijiet tagħha, fis-sens li l-konvenut messu ħarab minn fuq il-post, u li fi kwalunkwe każ kien hemm eċċess fid-difiża għax il-konvenut ma kellux għalfejn jiddefendi ruħu bi crowbar, oġġett ferm iżjed tqil minn skorra bħal ma kellu f'idejh l-attur. Kif rajna, rriżulta li l-attur bl-għodda f'idu kien wisq qrib il-konvenut fejn it-truck, li ma ppermettielux jisgiċċaħ. Infatti hekk kif laqat lill-attur ħataf l-okkazzjoni biex jaħrab minn fejnu u telaq 'l isfel bl-attur nieżel għal warajh. Lanaqs ma seta' l-konvenut kellu l-opportunita' fil-fixla tal-mument li joqgħod jagħzel x'arma ha juża biex jiddefendi ruħu mill-aggressjoni tal-attur, u wieħed jifhem li minn truck milli għodod, huwa jaqbad l-ewwel oġġett li jiġi għal idejh.*

*"Jirriżulta għalhekk illi, fiċ-ċirkostanzi, r-reazzjoni tal-konvenut kienet ġustifikata u inevitabbli bħala każ tipiku ta' leġittima difesa, bil-konsegwenza illi għall-feriti li ġarrab l-attur jaħti huwa stess.*

*"Konsegwentement mhuwiex il-każ li jiġi ndagat x'debilita' permanenti seta' ġarrab l-attur, u lanqas li jiġu likwidati d-danni relattivi.'*

14. Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, u issa ser tindirizza l-ilment tal-appellanti li hemm fir-rikors tal-appell.

15. L-ewwel kritika tagħha hi li '*ma jistax ikun'* illi kien l-attur li mar jistenna l-konvenut fi Triq il-Mitħna u jisfidah għall-ġlied għaliex l-attur kellu 61 sena filwaqt li l-konvenut kellu 55 sena meta ġara l-inċident u

filwaqt li dak tal-ewwel bilkemm kien jiflaħ jimxi, il-konvenut kien għadu jaħdem fil-kostruzzjoni.

16. Dan l-argument huwa manifestament fieragħ kif ukoll fattwalment inkorrett. Id-differenza fl-eta` ma kinitx xi waħda rilevanti, u l-fatt li l-attur kellu 61 sena m'għandha l-ebda rilevanza dwar min stieden lil min għall-ġlied.

17. F'kull każ, mill-fatti jirriżulta li l-konvenut kellu *slip disc* u kien ilu ġimgħat sħaħ fis-sodda. Fil-ġurnata tal-inċident *de quo* ħareġ mid-dar għaliex l-għarus ta' bintu, George Spiteri, kien qiegħed jaħdem fil-post li kienet qed tibni Paula Xerri, li tiġi oħt l-attur kif ukoll oħt il-mara tal-istess konvenut. Kien il-konvenut li daħħal miegħu lill-imsemmi George Spiteri fuq xogħol ta' bini *part time*, iżda meta t-tabib tal-konvenut ordnalu jagħmel żmien twil fis-sodda,[5] Spiteri kompla bix-xogħol fir-residenza ta' Paula Xerri waħdu. Ġara iżda li George Spiteri ried jiddiskuti mal-konvenut it-tifsil tal-qlib tal-kontrabejt u għalhekk, fil-jum tal-inċident, il-konvenut kien mar fil-post sabiex jagħtih parir. Peress li l-fond li kienet qed tibni Paula Xerri huwa qrib ħafna fejn kienet toqgħod flimkien ma' ommha, wara li ftiehem ma' George Spiteri kif għandu jsir ix-xogħol, il-konvenut mar id-dar ta' omm il-mara tiegħu sabiex jinforma lil Paula Xerri kif kien se jitkompla x-xogħol. Irritornalha ukoll *thermos* li hija kienet

[5] Fol. 207.

ħaditilhom bil-kafe. George Spiteri min-naħa tiegħu għabbielu xi għodda li ma kellux bżonn aktar fil-vann u telaq lejn ir-Rabat.[6] Għalhekk, m'huwiex il-każ li l-konvenut kien għadu jaħdem fil-kostruzzjoni kif allegat mill-appellanti.

18. L-appellanti qalet ukoll li kieku l-attur mar bil-ħsieb li jaggredixxi lill-konvenut kien imur armat mhux idu f'idu tant li '*l-iskorra illi konvenut jallega li l-attur qabad ixejjirha fid-direzzjoni tiegħu ġabha minn fuq it-trakk tal-konvenut'*.

19. Bla dubju l-attur ma basarx li se jiltaqa' mal-konvenut f'dik l-okkażjoni u għalhekk il-Qorti temmen li l-attur ma marx ħdejn id-dar t'ommu bil-ħsieb li jitlewwem mal-konvenut. Il-probabbilta` hi li l-attur kien għaddej minn hemm għaliex hu wkoll kien igħix fil-viċinanzi u meta ra l-vettura tal-konvenut quddiem l-isqaq li minnu tidħol għad-dar t'ommu, għaraf l-istess vettura u tħasseb ħażin fil-konvenut.

20. Mill-atti jirriżulta li l-attur kien ilu ma jkellem lill-ommu u ħutu snin twal għaliex kien ħadha kontra tagħhom talli wara l-mewt ta' missieru l-wirt ma nqasamx u ma riedx jaċċetta l-fatt li missieru stess kien ħalla lil martu (omm l-attur) u lil ħutu xebbiet użufruttwarji. F'dan il-kuntest, hija verosimili l-verżjoni tal-konvenut li meta ħareġ mid-dar ta' omm l-attur sab

[6] Fol. 215 u 217.

lill-istess attur jistennih u jinsultah stante li kien daħħalha f'rasu li l-konvenut kien mar għand il-familjari tiegħu biex jgħawwihom kontrih.[7]

21. Kuntrarjament għat-teżi tal-appellanti, il-fatt li l-attur ma kienx ippremedita l-ġlieda minn qabel, ma jeskludix illi meta l-attur ra l-vettura tal-konvenut ma baqax jistennih sabiex jistieden il-ġlied. Lanqas ma hija verosimili l-verżjoni tal-attur li l-konvenut ħareġ mid-dar ta' omm l-attur u tah daqqa ta' *crowbar* minn wara dahru għal xejn b'xejn. Il-ferita nnifisha hija fuq il-parti ta' quddiem tar-ras b'dan illi meta intlaqat l-attur, hu u l-konvenut bilfors li kienu wiċċ imb'wiċċ. Kieku l-attur ma kienx qed jistieden il-ġlied kien jibqa' għaddej għal triqtu u ma kienx isib ruħu f'dik il-pożizzjoni.

22. L-appellanti tgħid ukoll li wara li l-attur intlaqat, storda u żgur illi ma kienx kapaċi illi jiġġieled lura.

23. Minkejja li fl-affidavit tiegħu[8] l-attur qal li ħass daqqa fuq wara ta' rasu u beda jħossu sturdut u d-demm nieżel ma rasu u '*ħin bla waqt'* sab ruħu l-Isptar, il-verżjoni orġinarjament mogħtija minnu lill-Puliżja kienet differenti,[9] ossija, li telaq lejn id-dar bid-demm li beda nieżel ma rasu. Filwaqt li huwa probabbli li bid-daqqa l-attur seta' kien xi ftit stordut, żgur

[7] Fol. 215.
[8] Fol. 18.
[9] Fol. 141.

li ma kienx stordut sal-punt tali li jaqa' mal-art mitluf. Għalhekk, ma tirriżulta l-ebda impossibilita` fiżika li teskludi li l-attur tefa' l-iskorra li kellu f'idejh fid-direzzjoni tal-konvenut qabel ma mexa lejn id-dar. Anżi, din l-aħħar verżjoni hija korraborata bill-fatt li l-iskorra kellha d-demm magħha u kienet mgħawwġa. Kif qalet l-ewwel Qorti, id-demm seta' kien biss tal-attur.

24. L-appellanti tilmenta wkoll li *'ma jagħmilx sens'* li l-attur imur jaggredixxi lill-konvenut qrib it-trakk tal-konvenut li kien mimli għodda.

25. Din hija biss ipoteżi tal-appellanti. L-assjem tal-provi jindika li l-attur ma kienx qiegħed jirraġuna dak il-ħin li beda jargumenta mal-konvenut u għalhekk altru milli kien se joqgħod iqis li seta' jiġi fil-periklu minħabba l-fatt li l-vettura tal-konvenut kien fiha l-għodda. Din il-Qorti hija moralment konvinta li dak il-ħin tal-inċident l-attur tilef rasu u, altru milli joqgħod jikkunsidra li seta' jweġġa' bl-għodda li kien hemm fil-vann. Kien hu stess li fis-saħna tal-mument qabad l-ewwel biċċa għodda li ġiet għal idejh biex ixejjirha fid-direzzjoni tal-konvenut.

26. L-appellanti tkompli mbagħad billi tattakka x-xhieda ta' Raymond Vella li tressaq bħala xhud wara l-mewt tal-attur u tinsisti li *'baqa misteru kif il-konvenut sar jaf bl-eżistenza ta' dan ix-xhud'* u mill-atti joħorġu verżjonijiet konfliġġjenti. Tallega ukoll li mill-provi rriżulta li filwaqt li dan

ix-xhud kien imxellef mal-attur, il-konvenut kien ta' spiss jixtri materjal u konkos mingħandu.

27. Għal dak li jirrigwarda x-xhud Raymond Vella, fis-27 ta' April 2012 l-appellanti ippreżentat rikors li bih talbet lill-Qorti tal-ewwel grad sabiex tordna l-isfilz tax-xhieda li Raymond Vella kien ta fil-ġuri tal-appellat. Xhud li fil-fatt m'huwiex dikjarat mill-appellat fil-lista tax-xhieda. L-appellat oġġezzjona għaliex sostna li ma kienx jaf bix-xhud meta fil-31 ta' Ottubru 2007 ippreżenta t-tweġiba.

28. B'digriet mogħti mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Ġunju 2012 il-Qorti laqgħet it-talba għall-isfilz b'dan li ammettiet lill-istess xhud bħala xhud tal-konvenut u ordnat li jixhed quddiemha fis-seduta li kien imiss. Fil-fatt hekk ġara fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2012. Meta xehed qal li l-appellat kien kellmu xi ġimgħa jew ġimgħatejn wara u qallu li ra l-inċident. L-appellanti qiegħda tipprova tuża dik il-parti tad-depożizzjoni sabiex tattakka lill-appellat peress li fit-tweġiba għar-rikors tas-27 ta' April 2012 iddikjara li meta ippreżenta t-tweġiba ġuramentata (31 ta' Ottubru 2007) ma kienx jaf li Raymond Vella kien xhud okulari. Apparti l-konsiderazzjonijiet li ser isiru hawn taħt, jibqa' il-fatt li l-appellanti m'appellatx mid-digriet tas-27 ta' April 2012. Illum ix-xhieda ta' Raymond Vella hi parti mill-atti u bħala tali għandha tittieħed in konsiderazzjoni daqs kull prova oħra.

29. Inoltre, il-fatt li x-xhud okkażjonalment kien jixtri xi materjal u konkos mingħand il-konvenut u li ħmistax-il sena qabel l-attur ma kienx ippermetta lill-uliedu jaħdmu mal-istess xhud, ma jwasslux lill-Qorti biex tqis lil Vella bħala xhud mhux affidabbli. Il-mod kif wieġeb ix-xhud meta mistoqsi dwar din l-aħħar ċirkostanza, turi li għalih dak l-episodju kien fil-passat.

30. L-appellanti issostni wkoll li Raymond Vella ma kienx realment preżenti biex jara x'ġara għaliex filwaqt illi l-appellat fit-tweġiba għar-rikors tas-27 ta' April 2012 ma kienx jaf dwar l-eżistenza ta' dan ix-xhud meta ppreżenta t-tweġiba ġuramentata, iżda sar jaf bih biss waqt il-ġuri, min-naħa l-oħra Raymond Vella xehed li l-konvenut kien rah fil-mument tal-inċident.[10]

31. Madankollu fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju 2013 (fol. 263) il-konvenut mistoqsi dwar meta u kif sar jaf li Raymond Vella kien għadda minn ħdejn il-partijiet waqt l-inċident, wieġeb bl-istess mod li xehed Raymond Vella. Mistoqsi ulterjorment għalfejn fit-tweġiba minnu ppreżentata a fol. 222 iddikjara mod ieħor, spjega li ma jafx iżda probabbilment l-avukat fehmu ħażin.

[10] Fol. 259.

32. Irrispettivament minn dan, kemm f'dawn il-proċeduri kif ukoll waqt il-ġuri, Raymond Vella xehed b'mod deskrittiv u ġeneralment konsistenti b'dan illi l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita li x-xhud kien preżenti waqt l-aħħar parti tal-inċident. Inoltre, il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti ma kinux unikament ibbażati fuq ix-xhieda ta' Raymond Vella. Huwa evidenti mill-konsiderazzjonijiet 'l fuq esposti li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-prim' istanza ttieħdet fl-assjem tal-provi.

33. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint.

<u>It-Tieni Aggravju</u>

34. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti tilmenta mbagħad illi wkoll jekk għall-grazzja tal-argument kellu jingħad li l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-ewwel Qorti kien korrett, il-konklużjonijiet legali li l-ewwel Qorti ġibdet mill-fatti huma legalment insostenibbli peress li l-konvenut xorta kellu jinżamm responsabbli, almenu in parti jekk mhux totalment, għall-konsegwenzi li sofra l-attur per konsegwenza tal-feriti li l-konvenut ikkaġuna fuq il-persuna tiegħu. Dan għaliex, fil-fehma tagħha, il-konvenut eċċeda bil-bosta dak li huwa permess għall-finijiet ta' *self defence* u weġġa' lill-attur bla bżonn u li '*ma hemmx proporzjonalità bejn li persuna xxejjer skorra fid-direzzjoni ta' ħaddieħor mingħajr ma tolqtu, u li l-istess persuna taqla' daqqa ta' crowbar f' nofs moħħa, daqqa li setgħet*

*faċilment kienet waħda fatali'*. Tinisisti li l-ferita li huwa kkaġuna lill-attur kienet ferm aktar gravi minn dak li kien strettament neċessarju sabiex il-konvenut jiddefendi ruħu.

35. Fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti Kriminali,[11] bint l-appellat, Rowina Spiteri, spjegat li missierha ma' kienx bniedem tal-ġlied u meta mar id-dar wara l-inċident u qalilhom x'ġara, huma stess saqsewh '*imma ma stajtx titlaq?'* u weġibhom '*le ma stajtx, kien wisq viċin tiegħi, ma stajtx nagħmel mod ieħor.'* Kompliet tixhed illi:

> "*saqsejnieh hu għalfejn ma ħarabx qalilna għax kien viċin tiegħi, imbagħad għidnielu x'ġara imbagħad? Speċi l-ħaġa kif spiċċat? Qal għax umbgħad jien meta tajtu d-daqqa hu waqaf u lili tani ċans nimxi b' lura. Umbgħad qal li l-ieħor umbgħad waddablu l-iskwerra fid-direzzjoni tiegħu, neża t-t shirt li kien liebes, għamlu ma moħħu u baqa' miexi l' hemm."*

36. Il-konvenut spjega l-istess dinamika fl-affidavit tiegħu:

> *"... Sadanittant, kif diġa spjegajt, hu kien laħaq wasal ħdejn it-trakk tiegħi, kważi fl-sitess post fejn kont qiegħed jien mal-ġemb tal-kaxxa. F'daqqa waħda medd idu u ħataf waħda mill-għoddod li kelli fit-trakk. Din kienet skwerra li aktar kmieni ħatni George Spiteri kien poġġa fit-trakk flimkien ma' għodod oħra, kif spjegajt aktar 'l fuq. Rajt lil Carmel Xerri jgħolli dina l-iskwerra'l fuq jxejjirha bis-saħħa fid-direzzjoni tiegħi. Irnexxieli niżgiċċa d-daqqa billi ntfajt fuq il-kaxxa tat-trakk. Fil-pront ħkimt b'idi x-xellugija l-ewwel oġġett li ġie f'idi, li nzerta kien crowbar, u xejjirtu fid-direzzjoni tiegħu biex niddefendi ruħi kif nista.' Nispjega li xejjirt daqqa waħda biss u lqattu fuq moħħu."*

37. Huwa faċli li wara l-inċident wieħed jargumenta li d-daqqa li ta l-konvenut ma kinitx proporzjonata mal-fatt li l-attur xejjer biss skorra lejn il-konvenut mingħajr ma laqtu. Evidenti li r-reazzjoni tal-konvenut kienet

[11] Fol. 205.

istintiva sabiex jiddefendi lilu innifsu mill-aggressjoni tal-attur. Kuntrarjament għal dak allegat mill-attur, il-konvenut laqtu fuq quddiem ta' rasu fejn tirriżulta l-ġerha, u mhux minn wara, li jfisser li l-attur verament kien qiegħed eżattament quddiemu, wiċċ imb' wiċċ. Il-fatt li da parti tiegħu l-attur ma laqatx lill-konvenut ma jfissirx li effettivament ma ppruvax jolqtu. Il-Qorti temmen li kien għalhekk li l-konvenut iddefenda ruħu kif seta'.

38. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tara l-ebda sproporzjon fil-mod kif irreaġixxa l-konvenut. Dan aktar u aktar in vista tal-fatt li meta l-konvenut laqat l-attur, u dan tal-aħħar waqaf u b'hekk tah ċans jiżgiċċa, il-konvenut immedjatament mexa lura.

39. Din hija kawża fejn l-attur qed jitlob id-danni *ex delicto* ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li '*kull wieħed irid iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*'.

40. Stabbilt li l-konvenut appellat kien qiegħed biss jiddefendi ruħu mill-aggressjoni tal-attur, u li għall-feriti li ġarrab l-attur jaħti l-attur stess billi poġġa lilu nnifsu f'ċirkostanza fejn il-konvenut kellu jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tiegħu, il-konvenut m'għandu jwieġeb għall-ebda danni.

41. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud ukoll.

Għaldaqstant għar-raġunijiet li ngħataw, tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr